# Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

Pjan ta’ Ħidma

2022 – 2026

# Kontenut

1.0 Daħla u Analiżi tas-Sitwazzjoni
2.0 Dikjarazzjoni tal-Missjoni u Valuri
3.0 Għanijiet, Riżultati Mistennija u Strateġiji
4.0 Struttura u Organizzazzjoni
5.0 Tbassir Finanzjarju
6.0 Żvilupp Kapitali

# 1.0 Daħla u Analiżi tas-Sitwazzjoni

Dan il-pjan ta' ħidma għandu jagħtina direzzjoni 'l quddiem biex inkomplu ntejbu l-ħidma tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar għall-ġid tal-Kunsilli Lokali u tal-komunitajiet fil-lokalitajiet li jiffurmaw dan ir-Reġjun.

Din il-leġiżlatura se tkun qed iġġib sfidi ġodda għax tinvolvi bdil fil-kompożizzjoni tal-Kunsilli Lokali li jiffurmaw ir-Reġjun tan-Nofsinhar. Dan ir-reġjun issa jinkludi l-lokalitajiet ta' Ħal Qormi, Iż-Żejtun, Birżebbuġa, Ħal Għaxaq, Il-Gudja, Il-Ħamrun, Ħal Luqa, Il-Marsa, Marsaskala. Marsaxlokk, Santa Luċija u Santa Venera.

B'sodisfazzjoni nistgħu ngħidu li l-miri li kellu l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar fil-pjan ta' ħidma għas-sena li għadha kif intemmet intlaħqu u ninsabu f'pożizzjoni li nfasslu pjan ta' ħidma aktar wiesa' biex naspiraw għal miri ġodda konformi mal-funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali elenkati f'Artikolu 37B.

L-impenji prinċipali li se nkunu qed nikkonċentraw fuqhom huma dawn :

- Nipproteġu l-ambjent naturali u l-ambjent urban fil-lokalitajiet tar-Reġjun u ngħinu biex tkun tista' tiġi indirizzata l-enerġija b'mod sostenibbli, l-iskart u t-tibdil fil-klima.

- Nikkoordinaw ma' Ministeri, Dipartimenti, entitajiet governattivi, setturi taż-żamma tal-ordni u infurzar, għaqdiet mhux governattivi u entitajiet oħrajn biex niffaċilitaw il-ħidma tal-Kunsilli Lokali tagħna.

- Nikkoordinaw ma' Kunsilli Lokali f'attivitajiet u inizjattivi kulturali, edukattivi, sportivi, fiżiċi, soċjali u dawk relattivi għall-benesseri.

- Inkunu ta' spalla fil-ħidma tal-Kunsilli Lokali li jiffurmaw parti mir-Reġjun u noffru assistenza professjonali fl-għoti tas-servizzi fil-qasam ambjentali, l-immaniġġjar tal-iskart, kulturali, l-immaniġġjar ta' proġetti u t-teknoloġija tal-informatika.

- Noffru assistenza lill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun sabiex jibbenefikaw u jimmaniġġjaw programmi finanzjati minn fondi tal-Unjoni Ewropea, skemi finanzjarji maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u skemi finanzjarji oħra.

- Naħdmu favur l-għaqda u r-rispett bejn ir-residenti kollha tal-Gżejjer Maltin.

- Naħdmu għal kwalità ta' ħajja aħjar fir-Reġjun tan-Nofsinhar.

- Nagħtu identità unika u distinta lir-Reġjun tan-Nofsinhar

Matul is-snin li ġejjin, il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar se jkun qed jiffoka l-ħidma tiegħu fuq l-għoti ta' servizz b'eċċellenza fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu. Se jkun qed jagħti importanza speċjali lill-għoti ta' servizz ta' għajnuna u assistenza professjonali lill-Kunsilli Lokali fil-qasam ambjentali, immaniġġjar tal-iskart, kultura, immaniġġjar ta' proġetti, teknoloġija tal-informatika, u benefiċċji minn programmi u proġetti b'fondi tal-Unjoni Ewropea u skemi finanzjarji oħra. Din l-assistenza professjonali se tkun qed tgħin lill-Kunsilli lokali sabiex huma wkoll ikunu jistgħu jgħollu l-livell fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom u, lkoll flimkien, inkunu qed nipprovdu servizz ta' eċċellenza lir-residenti fil-komunitajiet fir-reġjun tagħna.

Madanakollu rridu nwessgħu l-ħidma tal-Kunsill Reġjonali f'setturi oħra fosthom dawk sportivi, soċjali, edukattivi, kif ukoll dawk relatati mal-qasam soċjali. Se nkunu qed nikkoordinaw u naħdmu spalla ma' spalla mal-Kunsilli Lokali tagħna biex verament inkunu qed noffru kwalità ta' ħajja aħjar lir-Reġjun tan-Nofsinhar. Flimkien mal-Kunsilli Lokali li jiffurmaw dan ir-reġjun se nkunu qed naħdmu fuq strateġija li tagħti identità unika u distinta lir-Reġjun tan-Nofsinhar.

Għal dan il-għan, qed inħejju pjan strateġiku ambizzjuż li jinkludi xogħol strutturali fil-Bini amministrattiv sabiex jiġu estiżi l-uffiċini ħalli nkunu naqdu l-funzjonijiet tagħna bl-aktar mod professjonali, mhux biss għaż-żminijiet tal-lum, imma anke għaż-żmien li ġej. Se nagħmlu l-almu tagħna biex il-Kunsilli Lokali jkollhom l-għodda u l-ħiliet neċessarji sabiex ikunu jistgħu joffru servizz ta' kwalità għolja lir-residenti tagħhom. Kulma jmur qed naraw li l-bżonnijiet u l-aspettattivi tal-pubbliku dejjem qed jiżdiedu. Il-pubbliku jistenna li l-prodotti u s-servizzi offruti

lilu jkunu ta' eċċellenza u li jkun moqdi f'qasir żmien. Għaldaqstant se nkunu qed nagħmlu ħilitna biex ngħinu lill-Kunsilli Lokali jilħqu l-aspettattivi tar-residenti fil-lokalità tagħhom.

Se nagħmlu sforz biex insaħħu l-għaqda u r-rispett bejn kulħadd u biex kull individwu jħossu kburi li jagħmel parti minn dan ir-reġjun. Ħa nkunu qed nuru impenn lejn l-aspett soċjali, fosthom il-protezzjoni soċjali, l-inklużjoni soċjali, l-ugwaljanza u d-diversità.

Flimkien mal-Membri tal-Kunsill Reġjonali se nkomplu naħdmu biex noffru servizz ta' eċċellenza u biex xogħolna ikun jirrifletti governanza tajba, trasparenza, serjetà u kontabilità.

Jesmond Aquilina

President

# 2.0 Dikjarazzjoni tal-Missjoni u Valuri

## 2.1 Dikjarazzjoni tal-Missjoni

Namministraw ir-riżorsi tagħna bl-aktar mod għaqli u naħdmu b’mod effettiv sabiex inkunu nistgħu nagħtu servizz professjonali lill-Kunsilli Lokali u lill-komunitajiet fi ħdan ir-Reġjun

Nemmnu li meta naħdmu flimkien b’għan wieħed, kapaċi nilħqu l-objettivi u l-miri tagħna u nagħmlu d-differenza fil-ħajja tar-residenti fil-komunitajiet tagħna.

## 2.2 Valuri

- Nirrispettaw lil kulħadd u nagħtu servizz ta’ eċċellenza lill-Kunsilli Lokali u lill-komunitajiet tagħhom b’ugwaljanza u bla ebda diskriminazzjoni;
- Namministraw ir-riżorsi finanzjarji bl-aktar mod għaqli u ġust;
- Noffru tmexxija serja, effiċjenti, miftuħa, b’governanza tajba, bi trasparenza u kontabilità;
- Nuru impenn lejn il-qasam soċjali, ugwaljanza, integrazzjoni, diversità, benessere u ġid komuni fil-komunitajiet tagħna;
- Nuru impenn lejn l-involviment attiv tar-residenti u tal-komunitajiet fir-reġjun.

# 3.0 Għanijiet, Riżultati Mistennija u Strateġiji

## 3.1 Riżultati għal qasir żmien u riżultati mistennija

| Għanijiet | Riżultati Mistennija |
|---|---|
| Nagħtu għajnuna u assistenza professjonali lill-Kunsilli Lokali f'oqsma speċifiċi sabiex ikunu jistgħu joffru servizz ta' eċċellenza lir-residenti fil-lokalità. | l-Uffiċjali Maniġerjali tal-Kunsill Reġjonali se jkunu qed jassistu u jaħdmu mill-qrib mal-Kunsilli Lokali sabiex jgħollu l-livell tas-servizzi offruti minnhom u jisfruttaw opportunitajiet ġodda. |
| Ngħinu lill-Kunsilli Lokali sabiex itejbu l-iżvilupp personali u edukattiv tal-Membri u tal-istaff. | Il-Kunsill Reġjonali se jkun qed jikkollabora mal-Kunsilli Lokali u istituzzjonijiet oħra f'inizjattivi edukattivi li jgħinu biex itejbu l-livell edukattiv u l-iżvilupp personali tal-Membri u tal-istaff. |
| Naħdmu fuq pjan strateġiku mfassal fuq l-istrateġija kulturali li tħejjiet għar-Reġjun tan-Nofsinhar. | Il-Kunsill Reġjonali se jkun qed jaħdem fuq kalendarju kulturali reġjonali u sabiex jinħoloq reġistru kulturali li jinkludi persuni involuti fil-qasam artistiku u kulturali fir-Reġjun tan-Nofsinhar. |
| Naħdmu favur il-qasam soċjali u l-inklużjoni soċjali fil-lokalitajiet biex ħadd ma jibqa' lura. | Il-Kunsill Reġjonali se jaħdem fuq riċerka u rapport ta' evalwazzjoni tal-impatt soċjali fir-Reġjun tan-Nofsinhar. |
| L-istaff tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar ikun preparat għall-bidliet li qed isiru kontinwament biex il-ħidma tar-Reġjun tibqa' għaddejja bla skossi. | Isir pjan imfassal fuq numru ta' fażijiet biex il-Kunsill Reġjonali jkun jista' jilqa' l-isfidi tiegħu u jaqdi professjonalment il-funzjonijiet assenjati lilu filwaqt li jara li l-istaff ikun imħarreġ u lest biex jadatta ruħu għat-tibdil |

| | |
|---|---|
| | kontinwu fl-ambjent tax-xogħol, fil-proċessi, sistemi u metodi ġodda ta' xogħol. |

## 3.2 Għanijiet għal żmien fit-tul (2022 – 2026)

| Għanijiet | Riżultati Mistennija |
|---|---|
| Naħdmu biex tissaħħah is-sistema tal-immaniġġjar tal-iskart fil-lokalitajiet tar-Reġjun tan-Nofsinhar. | Il-Kunsill Reġjonali, permezz tal-Uffiċjal Maniġerjali responsabbli mill-immaniġġjar tal-iskart se jkun qed jikkoordina mal-Kunsilli Lokali u l-Ministeru responsabbli mill-ġbir ta' skart biex tinħareġ sejħa għal dan is-servizz fuq bażi reġjonali. Se tkun qed issir ħidma u koordinazzjoni mal-partijiet kollha involuti biex is-servizz offrut ikun ta' kwalità għolja. |
| Nagħtu identità unika u distinta lir-Reġjun tan-Nofsinhar. | Il-Kunsill Reġjonali se jkun qed jaħdem mill-qrib mal-Kunsilli Lokali u jesplora modi kif tista' tingħata identità unika u distinta lir-Reġjun tan-Nofsinhar. |
| Ngħinu lill-Kunsilli Lokali sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw minn proġetti u programmi finanzjati minn fondi tal-Unjoni Ewropea u skemi finanzjarji oħra. | Il-Kunsill Reġjonali, permezz tal-Uffiċjal Maniġerjali għall-fondi Ewropej u skemi finanzjarji oħra, se jkun qed jesplora u jassisti lill-Kunsilli Lokali sabiex jibbenefikaw minn fondi għal proġetti u programmi li minnhom tgawdi l-komunità u l-lokalità. |
| L-amministrazzjoni u s-servizzi tat-Tribunal Lokali jibqgħu jiġu pprovduti fuq livell għoli mingħajr ma tixxekkel il-ħidma amministrattiva tal-Kunsill Reġjonali. | Il-Kunsill Reġjonali issottometta applikazzjoni mal-Awtorità tal-Artijiet u d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali għad-devoluzzjoni ta' sit abbandunat biex jiġi konvertit fi Tribunal Lokali inkluż uffiċini amministrattivi għall-istaff tat-Tribunal Lokali. |

| | |
|---|---|
| Il-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Reġjonali jkun post ta’ livell li jixraq minn fejn tkun tista’ tingħata għajnuna professjonali u ta’ livell għoli lill-Kunsilli Lokali fl-għoti tas-servizzi lill-komunitajiet tagħhom. | Il-Kunsill Reġjonali se jkun għaddej bi proġett ambizzjuż li se jkun qed jara l-Bini Amministrattiv jiġi estiż u trasformat f’post addattat li jinkludi uffiċini għat-tim amministrattiv, u spazji għal-laqgħat biex ikun jista’ jaqdi l-funzjonijiet tiegħu b’mod professjonali u jilqa’ għall-isfidi tal-lum u tal-ġejjieni. |

## 3.3 Strateġiji

Il-Kunsill Reġjonali se jkun qed jara li jagħmel reviżjoni ta’ dawn il-miri minn żmien għal żmien u, fejn jinħass il-bżonn, jemenda l-pjanijiet jew jadotta sistemi ġodda biex jara li dawn il-miri jintlaħqu.

L-istrateġiji li qed nesiġu fuqhom huma:

- Inkomplu nsaħħu l-komunikazzjoni effettiva u r-rispett bejn il-membri tal-Kunsill Reġjonali, il-Kunsilli Lokali u r-residenti fil-lokalitajiet rispettivi.
- Naħdmu biex is-servizz li jingħata lill-Kunsilli Lokali u l-komunitajiet tar-Reġjun ikun wieħed ta’ eċċellenza fejn tispikka l-effiċjenza, l-ugwaljanza, id-diversità, il-governanza tajba, it-trasparenza, is-serjetà u l-kontabilità.
- Jintużaw l-aktar metodi u sistemi effettivi fit-tmexxija.
- Nisfruttaw opportunitajiet ġodda, għajnuniet, skemi finanzjarji u proġetti li jagħmlu ġid lill-lokalitajiet tar-reġjun.
- Insaħħu l-ħidma fil-qasam ambjentali, soċjali, kulturali, edukattiv, sportiv, immaniġġjar tal-iskart u tat-teknoloġija tal-informatika.
- Naħdmu ma’ Ministeri, Dipartimenti, Entitajiet Governattivi u setturi oħra biex ngħinu u nsaħħu l-ħidma tal-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-reġjun.
- Il-Bini Amministrattiv ikun post ta’ livell li jixraq, minn fejn tkun tista’ tingħata għajnuna professjonali lill-Kunsilli Lokali fir-Reġjun.

# 4.0 Struttura u Organizzazzjoni

L-istruttura tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar hi komposta kif ġej:




Sabiex ikun jista' jaqdi l-funzjonijiet tiegħu bl-aktar mod effettiv u effiċjenti, il-Kunsill Reġjonali żviluppa struttura u sistemi ta' proċessi moderni biex ikun jista' jilqa' għall-isfidi tal-lum u tal-ġejjieni, filwaqt li jkun jista' jdawwar l-isfidi f'opportunitajiet. Din l-istruttura hi bbażata fuq il-kunċett ta' aġilità u tippermetti ħidma aktar effettiva mibnija fuq timijiet funzjonali li jaħdmu flimkien f'sinerġija u jagħtu valur lil kull individwu. Il-President, flimkien mad-Deputat President u l-Membri, jagħtu d-direzzjoni lill-Kunsill Reġjonali u jfasslu pjan ta' ħidma u pjan strateġiku. Is-Segretarju Eżekuttiv, flimkien mal-istaff tal-Kunsill Reġjonali jeżegwixxu l-pjan ta' ħidma u l-pjan strateġiku sabiex jilħqu l-objettivi u l-miri mixtieqa. L-amministrazzjoni tiegħu ħsieb ukoll li l-operat tal-Kunsill Reġjonali dejjem ikun konformi mar-regolamenti u l-proċeduri stabbiliti.

Is-sezzjoni tal-Amministrazzjoni hi komposta mis-Segretarju Eżekuttiv, Deputat Segretarju Eżekuttiv/Reġistratur, Uffiċjal Maniġerjali responsabbli mill-ambjent, Uffiċjal Maniġerjali responsabbli mill-kultura, Uffiċjal Maniġerjali responsabbli mill-proġetti, Uffiċjal Maniġerjali responsabbli mill-immaniġġjar tal-iskart, Uffiċjal Maniġerjali responsabbli mill-fondi Ewropej u skemi finanzjarji oħra, Uffiċjal Maniġerjali responsabbli mit-teknoloġija tal-informatika, Deputat Reġistratur, Assistent Prinċipal, Skrivan u Uffiċjal tal-Komunità respnsabbli nill-ħarsien tal-annimali.

Is-sezzjoni operattiva u tal-manutenzjoni hi komposta minn Supervisor u żewġ impjegati oħra, ilkoll ħaddiema tal-RSSL. Dawn, apparti xogħol ta' manutenzjoni fil-bini amministrattiv u xogħol ieħor relatat mal-operat tal-Kunsill Reġjonali, jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fil-lokalitajiet li jagħmlu parti mir-reġjun fuq ftehim bejn is-Sindku tal-lokalità, is-Segretarju Eżekuttiv u s-Supervisor ta' din is-sezzjoni.

Is-suċċessi u r-riżultati li kiseb il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar matul is-snin huma dovuti għall-prinċipji u valuri sodi li jagħmlu lil dan ir-reġjun wieħed magħqud, li jaħdem b'sinerġija, għaqda u rispett. Il-pilastri tagħna huma governanza tajba, servizz ta' eċċellenza, serjetà, trasparenza u kontabilità. Ir-riżultati pożittivi li jinkisbu mill-Kunsill Reġjonali jgħinu biex tiġi ffaċilitata u koordinata aħjar il-ħidma tal-Kunsilli Lokali kollha fi ħdanu. Dan jiġi rifless f'lokalitajiet aħjar fejn ir-residenti jgħixu ħajja aktar kuntenta.

It-tim tal-Kunsill Reġjonali jagħmel dak kollu li hu possibli biex jiżgura kwalità ta' ħajja aħjar fir-Reġjun tan-Nofsinhar.

Philip Carabott

Segretarju Eżekuttiv

# 5.0 Tbassir finanzjarju

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | **Budget** | |
| | | **2022** | |
| | | **(12months)** | |
| | | **€** | |
| | | | |
| **Revenue** | | | |
| Government Allocation | | **583,333** | |
| Ticket issued and Paid | | | |
| Income from drug possession | | **1,000** | |
| Salary Reimbusement from Lesa | | **80,656** | |
| Expenses Reimbursement from Lesa | | | |
| Grant | | | |
| Administrative Fee | | **1,500** | |
| AGM Fee | | | |
| Grants - Cultural Activities | | | |
| Grants - mainly AKL | | | |
| Grants DLG - re Professional Officers | | **187,838** | |
| General Income | | **200** | |
| | | **854,527** | |
| | | | |
| **Expenditure** | | | |
| Personal emoluments | | **413,871** | |
| | | | |
| Accountancy Software | | | |
| Advertising re Tender Notice | | | |
| Annual Plenary Session | | | |
| Authorized Office Fee | | | |
| Bank Charges and Interest | | **500** | |
| Casual Labour re Handy Man | | **6,000** | |
| CCTV Installation Costs | | **-** | |
| CCTV Monitoring Costs | | **-** | |
| Cleaning & Laundry Cost | | **10,000** | |
| Computer Maintenance Agreement | | **2,500** | |
| Depreciation | | **2,168** | |
| General Expenses | | **150** | |
| Health Insurance | | **1,148** | |
| Insurance including Money Insurance | | **685** | |
| Legal Fees | | **2,500** | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| LES Consultant Cost | | - | |
| LES Services | | - | |
| Licences | | **160** | |
| LTD Management Fee and LCA Management Fee re on line payment | | - | |
| Motor Vehicles Insurance, Licences & Fuel including parking | | **7,000** | |
| Other Hospitality Costs including network lunch/team building sessions | | **15,000** | |
| Postage, Photocopies, Printing & Stationery | | **10,000** | |
| Provision for Bad Debts | | - | |
| Prosecution Fee | | - | |
| PR Co-ordinator & Material | | - | |
| Professional Fees - Accountant | | **12,320** | |
| Professional Fees - DPO | | **6,500** | |
| Professional Fees - Other | | **2,500** | |
| Rent Payable | | - | |
| Repairs & Maintenance | | **10,000** | |
| Refunds re LES Fines | | - | |
| Security Services | | - | |
| Subscription | | **100** | |
| Telephone & Communication Costs | | **4,000** | |
| Training | | **20,000** | |
| Tribunal Cost | | - | |
| Transportation | | - | |
| Travelling Overseas | | - | |
| Uniform / Insigna | | **2,000** | |
| Warden Services including speed tickets | | - | |
| Web Site | | **1,000** | |
| Water & Electricity Consumed - Office | | **3,500** | |
| Bad Debts | | - | |
| Write Off Motor Vehicles | | | |
| Under-provision of LES expenses | | - | |
| Temporaty relocation expenses | | **50,000** | |
| | | | |
| Administration and other expenditure | | **169,731** | |
| | | | |
| | | | |
| **Less Special Projects** | | | |
| *** AED** | | | |
| *** Library Project** | | | |
| *** LC Administrative Fee** | | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| * CCTV | | - | |
| * Distribution of Profit | | - | |
| * Reimbursement to Local Council re Community Officers Services | | | |
| * Reimbursement to Local Council re Eco Wardens | | | |
| * Reimbursement to Council Member re Overseas Travel | | 1,500 | |
| * Fire Symposium | | 68,000 | |
| * Traffic Signs Project | | - | |
| * Sports Fest | | - | |
| * Special Project to Local Council 2019/2020 | | - | |
| * TCTC EM Citizenship | | - | |
| * Kwarta Tajba | | 30,000 | |
| * Art for All | | - | |
| * Book Launch | | - | |
| * Christmas Decoration Project | | - | |
| * Road resurfacing Project | | - | |
| * Pavement Project | | - | |
| * Droga Distribution | | - | |
| * School Redecoration Project | | - | |
| * Activity Project | | - | |
| * Publication of Book | | - | |
| * Capital Expenditure - Office Equipment | | - | |
| * Capital Expenditure - Restoration of Facade | | - | |
| * Capital Expenditure - Project re Administrative Office | | 160,000 | |
| * Activities in conjunction with Local Council | | - | |
| * Local Council Other Initiatives | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | 259,500 | |
| | | | |
| Total Expenditure | | 843,102 | |
| | | | |
| Profit/(Loss) for the year | | 11,425 | |
| | | | |
| | | | |

# 6.0 Żvilupp Kapitali

Għal dawn il-ħames snin li ġejjin, il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar se jkun qed jikkonċentra l-ħidma tiegħu fuq il-funzjonijiet elenkati lilu, speċjalment l-għoti ta' assistenza professjonali lill-Kunsilli Lokali fi ħdanu. Se jsaħħaħ ir-riżorsi tiegħu biex jgħin lill-Kunsilli Lokali ħalli jkunu jistgħu joffru servizz tal-ogħla kwalità fil-qasam ambjentali, kulturali, soċjali, teknoloġija tal-informatika, immaniġġjar tal-iskart, immaniġġjar ta' proġetti, benefiċċji ta' fondi Ewropej u skemi finanzjarji oħra, u edukattiv.

Se nagħmlu l-almu tagħna biex, kemm il-ħidma tal-Kunsill Reġjonali, kif ukoll dik tal-Kunsilli Lokali titwettaq b'mod effettiv u tilħaq l-aspettattivi u l-bżonnijiet tal-pubbliku. Bdejna nħarrġu lill-istaff tagħna sabiex jiżviluppa b'mod personali u jkun ippreparat biex jadatta ruħu għat-tibdiliet kontinwi fl-ambjent tax-xogħol, fil-proċessi, kif ukoll sistemi u metodi ġodda, ħalli ħidmietna tibqa' dejjem effettiva.

Se naħdmu biex inkomplu nibqgħu niffaċilitaw il-ħidma tal-Kunsilli Lokali tagħna u nservu bħala punt ta' referenza waqt sfidi li jiffaċċjaw fil-ħidma tagħhom. Se nkunu qed ngħinu wkoll permezz ta' koordinazzjoni ma' Ministeri, Dipartimenti, Entitajiet tal-Gvern, għaqdiet mhux governattivi, għaqdiet volontarji u setturi oħra.

L-ispazju tal-uffiċċju amministrattiv hu limitat u dan qed joħloq sfidi ġodda hekk kif ix-xogħol tal-Kunsill Reġjonali qed jiżdied. Il-funzjonijiet u r-responsabbilitajiet ġodda tal-Kunsilli Reġjonali taw firxa aktar wiesa fil-ħidma tagħna u, biex jintlaħaq dan il-għan, kabbarna b'mod sostanzjali t-tim amministrattiv tagħna. Sabiex inkunu nistgħu nilħqu l-objettivi tagħna, se nibdew naħdmu fuq proġett li jinkludi estensjoni tal-ispazju għall-uffiċini amministrattivi u spazju fejn isiru l-laqgħat.

Il-Kunsill Reġjonali għadu qed iġorr il-piż tal-amministrazzjoni tat-Tribunal Lokali fir-reġjun. Daqs sena ilu, ġiet sottomessa applikazzjoni mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u l-Awtorità tal-Artijiet għal devoluzzjoni ta' proprjetà abbandunata sabiex din tiġi konvertita fi Tribunal Lokali u anke dan ikun ta' livell addattat biex jaqdi l-funzjonijiet tiegħu b'mod professjonali. Din l-applikazzjoni

għada fil-proċess, minkejja li għaddew diversi xhur. Il-Kunsill Reġjonali jagħmel l-almu tiegħu biex ikun effiċjenti u effettiv kemm jista' jkun, imma sfortunatament għadna nbatu minn burokrazija żejda u tkaxkir tas-saqajn meta niġu għall-approvazzjonijiet u permessi mill-awtoritajiet u Dipartimenti tal-Gvern. Minħabba dawn id-diffikultajiet, ħafna drabi jkollna nemendaw il-pjanijiet tagħna biex nibqgħu mexjin mal-pjan ta' ħidma li għandna mħejji u nilħqu l-miri mixtieqa. Għalhekk, qed naħsbu biex jinstab post alternattiv temporanju minn fejn ikun jistgħu jibqgħu joperaw it-Tribunal Lokali u l-amministrazzjoni tal-Kunsill Reġjonali sakemm isiru x-xogħlijiet strutturali neċessarji relatati mal-estensjoni tal-Bini Amministrattiv. Il-qagħda finanzjarja tagħna hi soda biżżejjed u tiflaħ għall-ispiża kapitali tal-estensjoni tal-Bini Amministrattiv u spejjeż oħra relatati ma' dan il-proġett. Dan għaliex ir-riżorsi finanzjarji tal-Kunsill Reġjonali ġew amministrati bil-għaqal u sar ippjanar minn snin qabel. L-iffinanzjar tal-estensjoni tal-Bini Amministrattiv mhux se jkun qed joħloq diffikultajiet fl-operat tal-Kunsill Reġjonali għax il-fondi għal dan il-proġett twarrbu matul is-snin.

Id-dedikazzjoni u l-ħeġġa tal-Membri kollha u t-tim tal-Kunsill Reġjonali jagħtuna l-enerġija biex nibqgħu naħdmu u ma naqtgħux qalbna mill-isfidi li niffaċċjaw. L-għan ewlieni tagħna jibqa' dejjem li niżguraw kwalità ta' ħajja aħjar fir-Reġjun tan-Nofsinhar.

------------------------------------------- Tmiem -------------------------------------------